A.L. 216 ta' l-2007

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA ta' l-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u ta' l-artikolu 32 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 211 ta' l-2003.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "ADR", minflok il-kliem "1 ta' Jannar, 2005", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "1 ta' Jannar, 2007";

(b) minnufih wara t-tifsira "vettura" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura eżistenti" tfisser vettura li tkun intenzjonata biex tintuża għall-ġarr ta' splussivi jew vettura li tkun intenzjonata għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża f'tank u li kienet diġà reġistrata ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għal dak l-iskop qabel l-1 ta' Mejju, 2004.".